MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1020/2006

**Josephine Lanzon**

**vs**

**Tumas Group Co Ltd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Ikkunsidrat illi f`din il-kawza r-rikorrenti Josephine Lanzon qed tharrek lil Tumas Group Company Ltd wara li korriet fuq il-post tax-xoghol taghha Topas Hotel.

Is-socjeta` intimata rrispondiet billi qalet li hija qatt ma mpjegat lir-rikorrenti u li l-istess socjeta` la hi proprjetarja lanqas operatur tal-lukanda in kwistjoni.

Permezz ta` dan ir-rikors ir-rikorrenti Lanzon issa qed titlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Easysell Caterers Limited.

Il-Qorti tinnota illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi l-istitut tal-kjamata fil-kawza ma jistax iservi biex jissostitwixxi lill-imharrek. Il-procedura sservi biex tirrintegra l-procediment u mhux biex tissana sitwazzjoni fejn l-imharrek originali ma kellu ebda *locus standi*.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghal dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Kompetenza Kostituzzjonali) fit-30 ta` Mejju, 2003 fil-kawza Bellizzi vs Awtorita` Marittima ta` Malta.

"Ghalhekk il-pozizzjoni legali *in subjecta materja* illum hi fis-sens li s-sejha fil-kawza tal-persuna li ghandha interess fl-esitu tal-gudizzju ghandha tigi ammessa biex jigi reintegrat il-procediment ghax meta l-konvenut originali jkun diga` interessat fil-kawza il-gudizzju diga` jkollu *'res standi'*, u l-ammissjoni tat-terz interessat jkun qed iservi biex <u>jirrentegra</u> l-procediment. Filwaqt li jekk il-konvenut originali ma jkollu ebda interess fil-kawza, bl-ammissjoni tat-terzi interessati, il-Qorti tkun *"qeghda tirreintegra gudizzju li originarjament ma kellux saqajn li fuqhom seta` jieqaf legalment"*. Ghaldaqstant is-sostituzzjoni tal-konvenut originali mhux ammessa" u ghal Tabone vs Magri (6 ta` Frar, 1962) fejn il-Qorti qalet:

*"… <u>jekk il-persuna originarjament imharrka ma jkollhiex interess fil-kawza mhux lecitu li jigu mharrka l-persuni l-ohra li ma jkunux gew citati mill-bidu nonostante li dawn l-ahhar imsemmijin ikollhom l-interess fil-gudizzju</u>*

*originarjament propost kontra l-persuna li fiha huwa assenti mizura ta` interess”. [sottolinear mizjud]*.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tat-13 ta` Novembru, 2007 u tordna li l-kawza tipprocedi regolarment.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------